KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 22

It-tmintax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru 2020 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Soler | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*22.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*22.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*22.5 Rapporti;*
*22.6 Bye-laws;*
*22.7 Items Oħra;*
*22.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*22.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*22.10 Mozzjonijiet*
*22.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 22.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

22.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kunsilliera V.Galea Pace u l-kunsillier D.Soler talbu biex ikunu skuzati. Kien hemm qbil biex ikunu skuzati milli jattendu għal din il-laqgħa.

## 22.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

21.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokumenti oriġinali tal-Minuti nru. 21. *Minuti nru 21*

**Il-kunsillier K.Wain daħal fis-6.17pm. Il-kunsillier J.Pillow ħareġ għal ftit fl-istess ħin.**

22.2.2 B'referenza għal punt nru. 21.3.3 is-Sindku qal illi ġew allokali madwar €200,000 lil AKL biex jiġu imqassma bejn il-Kunsilli għal metodi biex tittratta l-kwistjoni tal-ħamiem. Qal illi fil-fehma tiegħu dawn il-fondi għandom jiġu utilizati flimkien mall-idea tal-kunsilli biex neħilsu minn din il-problema.

**Il-kunsillier J.Pillow daħal lura fis-6.21pm**

22.2.3 B'referenza għal punt nru. 21.5.4 il-kunsillier J.Pillow talab għal update. Is-S.E qal illi primarjament il-pjanijiet waqqfu wara li l-Perm Sec il-ġdid ma kienx jaf dwar il-proġett u emajl intbagħtet lil DG tal-Works. Ftit ilu rċevejna l-approvazzjoni li l-monument tinġabar u issa l-kuntrattur u l-Cultural Heritage qegħdin iġibu l-go aheads meħtieġa biex imorru jiġbru l-monument.

22.2.4 Il-kunsillier D.Muscat ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier E.Borg issekondaħ.

## 22.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

21.3.1 Is-Sindku qal illi waslet talba mingħand MultiSeats sabiex jagħmlu izjed 'foldable seats' madwar il-lokalita. Is-S.E qal illi ftit ilu kien hemm kommunikazzjoni sabiex dan jirranġa dawk illi kienu ta' periklu u dawn ix-xogħolijiet saru. *Multiseats*

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi qabel ma jingħata izjed permessi dan għandu jħallas l-ammont dovut mill-aħħar pagament.

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni biex dan jinstalhom f'postijiet oħra wara li jieħu ħsieb il-pagamenti dovuti lill-kunsill.

.

**Il-kunsillier A.Debono daħal għal ħabta ta' 6.27pm**

22.3.2 Is-Sindku qal illi daħlet l-ewwel tranche, minn fejn għandna nieħdu total ta' madwar €35,000, lir-Regjun biex dawn jitqasmu lill-kunsilli. *Fondi: Reġjun*

**Il-Viċi Sindku daħlet fis-6.29pm**

22.3.3 *Tizjin tal-Milied.*

Is-Sindku kkonferma li se jkun hemm izjed fondi għat-tizjin tal-Milied mis-snin preċedenti la l-MTA se jagħtu massimu ta' €5000. Din barra l-ammont li għandna nieħdu mir-Reġjun ta' €3000.

.

22.3.4 Is-Sindku qal illi waqt il-laqgħa tar-Reġjun [Skema Finanzjarja 7/2020] se jkun hemm fondi biex nixtru packs bi prodotti li jintuzaw bħala detterent tat-trasmissjoni ta' COVID fejn il-kunsilli ingħataw tlett suppliers minn fejn jixtru bejn 700 u 900 packs għar-residenti. Is-Sindku fakkar illi waqt illi inizjattivi bħal dawn jidhru pozittivi, kien hemm il-kaz fejn ingħatajna sponsor mingħand il-Chemimart u ftit li xejn ġew jiġbru l-prodotti n-nies. *Covid Pack*

B'hekk spiċċajna b'dawn il-pakketti kollha fil-kunsill lokalita. Qal ukoll illi l-Kunsill ta' Ħal Balzan, kif intqal fil-laqgħa tar-Reġjun, kienu ssponsorjati b'mitejn face-masks, u dan wassal għal ħafna messaġġi negativi għal dawk kollha li marru wara li ingħataw il-mitejn pakkett li kien hemm.
Is-Sindku ssuġerixxa li nagħtu lil parti kbira tal-lokalita. Wara diskussjoni twila kien hemm qbil illi nixtru bizzejjed għal 60% tal-ammont ta' nies li hemm fir-reġistru elettorali.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm bzonn nikkunsidraw li min vera għandu bzonn jingħata prijorita, ezempju dawk illi għandu eta ta' 60+.
Kien hemm qbil u din l-applikazzjoni għanda tintbagħat sal-20 ta' Novembru.

22.3.5 L-ACM ħabbru li la fil-baħit nazzjonali m'hemmx baġit allokat għall-proġett ta' Villa Schinas, m'għandomx ħsieb ikomplu bil-proġett fil-prezent. Wara diskussjoni fit-tul, fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil illi ssir downgrade tal-proġett u l-kunsilli jidħol għalija mingħajr l-assistenza ta' entitajiet oħra.
Il-kunsillier J.Pillow qal illi m'għandnix nitilfu dik il-binja.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi x-xogħol tal-Perit lest.
Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jibqa għaddej bil-ħsibijiet inizjali tiegħu.

22.3.6 Is-Sindku ħareġ sketch tal-proġett ta' fejn it-Teatru Salesjani biex isir l-upgrade izda tinzamm il-parkeġġ. Il-kunsill qabel mall-proposta u li jaħdem fuqha perit mill-lokal.

22.3.7 Is-Sindku qal illi reġa hemm bzonn l-insistenza li nqajjmu l-issue tar-residential parking, jew xi ħaġa teknoloġika li għanda tassisti r-residenti. Ippropona tipo ta' CVS la tista taħdem faċilment la hemm biss tlett daħliet għal-lokalita. Zied illi fil-fehma tiegħu għandna argument tajjeb biex tiġi introduta u qal illi din is-sistema taħdem perfettament il-Belt.
Kien hemm qbil illi ssir l-insistenza biex din tiġi approvata fil-lokalita.

## 22.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

22.4.1 Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi madwar il-lokalita hemm diversi riklami dwar persuna li jagħmel service ta' scooters. Is-Sindku qal illi semma fuq ir-radio intervista mall-kap tal-infurzar tat-TM fejn hu qal illi dawn huma illegali mingħajr permess. Il-kunsillier P.Radmilli qal ukoll illi hemm S.L fejn wieħed għandu jħallas multa meta jħalli dawn ir-riklami f'postijiet pubbliċi.

## 22.5 RAPPORTI

22.5.1 Is-Sindku qal illi l-Contracts Manager beda bil-ftehim tagħna sabiex idur Construction Sites u jibgħat rapporti dwar dak illi jara. Qal illi ma tantx għaddew ġranet izda tidher illi se taħdem u għandna nkomplu bit-trial.

Il-kuntrattur J.Pillow qal illi hemm kuntratturi li diġa ħassew id-differenza u qegħdin iħossuha l-presenza tal-Kunsill.

**Il-kunsilliera I.Fenech daħlet fis-7.10pm**

22.5.2 Il-kunsillier J.Pillow qal illi waqt l-aqwa tal-Covid, il-Contracts Manager irrifjuta li jibgħat il-ħaddiem ġewwa l-Public Conveniences bies jagħmel ir-rapporti.

Il-kunsilliera I.Fenech qalet illi jekk hu għandu l-equipment u l-apparat li hemm bzonn biex jaqdi dmiru, m'hemmx skuzi.

22.5.3 Fuq knis tat-toroq is-Sindku qal illi ma jidhrix illi hemm daqshekk problemi fil prezent.

22.5.4 Fuq il-ġabra tal-boroz taz-zibel, is-Sindku qal illi għadu qed jirċievi ilmenti li qed jagħmlu l-piling.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-kuntrattur qed jibda anka fis-6.15pm.

Il-kunsillier J.Pillow qal illi fir-rapport tal-ġbir tal-iskart qatt ma jkun hemm ritratti li jitieħdu filgħaxija bħala provi tal-moniteraġġ. Il-kunsilliera D.Muscat u P.Radmilli qalu li din kienet isir fil-passat.

## 22.6 Bye-laws

22.6.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kien hemm dewmien fil-bidu tal-proċess minħabba diversi raġunijiet, sabiex dawn il-byelaws jiġu approvati. Issa la wasalna lejn l-aħħar u l-liġi tgħid illi wara tmien ġimgħat hemm bzonn risposta, xtaq l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex malli jiskadu dawn it-tmien ġimgħat tintbagħat ittra lill-Ministru, dejjem jekk ma nirċievu l-ebda risposta. Kien hemm qbil unanimu

## 22.7 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

22.7.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kien hemm applikazzjoni ġewwa Luzju Lane biex isir bar fejn bħalissa hemm cafeteria. Dawn ġabu l-permess meħtieġ u r-residenti talbu li nappellawha. Zied illi fl-istadju prezenti, l-appell għanda ssir quddiem qorti tal-appell. Qal illihemm spiza ta' €850 u residenti talbu biex ngħinuhom. Il-Kunsill qabel illi noħorġu nofs l-ammont tal-ispejjez u li nappellaw u nuzaw spejjez tal-kunsill bħal ma sar fil-passat.

22.7.2 Il-kunsillier K.Wain qal illi hemm bar ġewwa Depiro str. k/m Isouard fejn dawn kienu qegħdin joħorġu imwejjed u siġġijiet fuq il-mejda u klijenti kienu joqogħdu jixorbu wkoll f'nofs ta' triq. Is-Sindku qal illi dawn l-affarijiet għandna nsemmuhom quddiem l-ispettur il-ġdid.

**Il-kunsillier P.P.Portelli telaq għal ħabta ta' 7.42pm**

22.7.3 Il-kunsillier D.Muscat ta update rigward Ġieħ Tas-Sliema. Dawn kienu l-punti:

- L-attivita se ssir b'filmati li se jidhru fuq back-screen waqt illi l-kunsill ikun ġewwa studio.
- Se ssir speech fl-istudjo minn naħa tas-Sindku u minn naħa ta' persuni li għandom info dwar il-lokalita.
- Se jkun hemm kantanti mil-lokalita, kif ukoll minn barra
- Kiku l-attivita saret fuq barra din kienet se tkun problema

u ħafna izjed għolja peress illi biex isir sew il-positijiet fejn isiru l-filmati jkollhom jingħalqu għall-pubbliku

- Nominazzjonijiet għandom jaslu sal-25 ta' Novembru
- Hemm bzonn Chairperson ġdid għal din is-sena.
- Nhar is-Sibt 5 ta' Diċembru l-kunsill għandu jkun l-istudjo għar-rekordin u din se tixxandar nhar il-Ħadd 13 ta' Diċembru fuq Xejk TV.
- Għanda ddum bejn siegħa u disgħin minuta.

Il-kunsilliera rringrazzjaw lill-kunsillier D.Muscat għax-xogħol tiegħu.

22.7.4 Il-kunsillier D.Muscat qal illi avviċinaħ kitieb illi għandu ktieb fuq il-lokalita u hu talab illi ngħinu b'mod finanzarju. Dan offra li nieħdu nofs il-flus lura wara li ibiegħ l-ewwel batch ta' kotba. Is-S.E qal illi ma nistħgħux noffru flus u anqas naqbdu u nieħdu ammont lura, b'tali mod. Il-kunsill qabel illi ngħinu b'informazzjoni izda finanzjarjament le għax din tiftaħ preċedent.

22.7.5 Il-kunsillier J.Pillow qal illi hemm bzonn titranġa l-plakka tas-siġra li hemm ta' Winston Zammit.

22.7.6 Il-kunsillier W.Vella Baldacchino qal illi saret laqgħa mall-Hockey Club ftit ilu u semmew l-idea biex jagħmlu hockey day ġewwa l-iskejjel. Din intlaqgħet minn skola/skejjel u se jsiru trials. Dawn talbu li nassistu bl-equipment fejn hemm somma ta' €650.
Is-Sindku qal illi xtaq javza li r-Reġjun se terġa tagħti ammont ta' fondi għax-xiri ta' equipment sportiv u għandom jintuzaw għal skopijiet bħal dawn.
Is-S.E u d-D.S.E ikkonfermaw illi dakinhar tal-laqgħa waslu l-fondi għax-xirja li saret fis-sena ta' qabel. Il-kunsillier A.Debono qal illi n-Nursery esprimew ir-ringrazzjament għall-assistenza tal-Kunsill.

**Il-kunsillier W.Vella Baldacchino telaq għal ħabta ta' 8.10pm**.

22.7.7 Il-kunsillier K.Wain staqsa dwar il-Byelaw tax-xorb. Is-S.E qal illi din għanda tittieħed minn dawk illi jezistu u jsiru l-arranġamenti meħtieġa skont il-ħtiġijiet tal-Kunsill.

22.7.8 Il-kunsillier K.Wain reġa semma l-problema dwar l-ispeed eċċessiv fil-lokalita. Is-Sindku qal illi jaqbel miegħu u fejn hemm sleeping police li tneħħew waqt xogħolijiet ta' IM, dawn se jsiru

mill-ġdid. Zied illi jonqsu wkoll dawk ta' Manoel Dimech, Dingli str. u Tower Road.

22.7.9 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi s-siġar illi hemm in-naħa tax-Xatt huma mgħawwġin u s-sapports mhumiex qegħdin ikunu effettivi. Issuġerixxa li dawn is-sapports jitneħħew. Qal illi la m'hemmx ħamrija se tkun diffiċli biex dawn jibqaw dritti u ppropona li ssir stand b'erbgħa saqajn minflok. Il-kunsillier J.Pillow qal illi tista ssir izjed ħamrija.

22.7.10 Il-kunsillier A.Debono ta rapport fuq in-niċċeċ. Qal illi x-xogħol tal-perit lest u anka ħass illi għandu jwassal ir-ringrazzjament lill-Kunsill għan-nom tar-residenti li huma favur dawn ix-xogħolijiet. Qal illi għal kull niċċa se ssir applikazzjoni waħda, u se jsiru f'isem ir-residenti. Zied illi hemm ftit minnhom li ma nafux min hu sid il-post.

Il-kunsillier A.Debono semma wkoll illi la se jsir dawl, huwa l-aħjar ħaġa li nqabbdu d-dawl mall-istreet lighting. Il-Kunsill se jibgħat talba lil EneMalta.

Il-kunsillier K.Wain issuġerixxa li jsiru solar. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi tistona bil-panelli fuqhom u m'hemmx spazju fejn isiru.

**Il-kunsilliera P.Radmilli u E.Borg ħarġu mill-kamra fit-8.30pm**

22.7.11 Il-kunsillier A.Debono qal illi hemm inqas ħwienet illi huma lesti joffru assistenza għad-dekorazzjonijiet tal-Milied, u għad-dawl, izda xorta hemm min jixtieq jgħin. Staqsa għall-ħsibijiet tal-Kunsill kiku għandna narmaw izjed dawl madwar il-lokalita din is-sena u semma Dingli str., Cathedral str. fejn l-għassa u l-bridge ta' Manoel Dimech bħala areas biex nagħmlu izjed dawl. B'hekk nilħqu kull Parroċċa. Il-kunsill qabel.

Il-kunsillier J.Pillow staqsa jekk il-Kunsill se jagħmel tajjeb għall dawk il-flejjes illi ma jaslux mingħand il-ħwienet illi jikkonfermaw l-assistenza. Dawn għandom jagħmlu ftehim bil-miktub ħalli l-kuntrattur jieħu dak illi hu dovut lilhu.

22.7.12 Il-kunsillier A.Debono qal illi kien hemm min talab illi jkun hemm ukoll muzika għal Black Friday kif ukoll għal Milied. Qal illi hu konxju li fil-passat kien hemm ilmenti izda fl-istess ħin kien hemm min ilmenta li s-sena l-oħra ma kienx hemm atmosfera mingħajr il-muzika. Wara diskussjoni kien hem qbil illi din isir u l-kunsillier D.Muscat offra l-assistenza tiegħu biex ikun hemm izjed muzika u

sistema ta' sound addatata.

22.7.13 Il-kunsillier A.Debono ssuġerixxa li, f'kaz illi jkun hemm qbil mall-kazini li jassistu bl-ispejjez, isir ukoll tizjien ta' Qui Si Sana.

22.7.14 Is-Sindku qal illi hemm siġra kbira f'ġnien Independenza li għanda tiġi utilizata f'dawn iz-zminijiet għat-tizjien ukoll.

22.7.15 Il-kunsillier J.Pillow issuġerixxa li din is-sena r-rigal tkun man-naħa tat-taraġ tal-Pjazza biex ma tkunx wara t-Tower Crane illi hemm.

22.7.16 Il-kunsillier J.Pillow qal ukoll illi l-arbli tax-Xatt is-sena l-oħra ma kienux tajbin u ssuġerixxa li l-kuntrattur iġib tiegħu.

22.7.17 Il-kunsillier A.Debono qal illi kellem mall-Parroċċi fuq il-fondi li hemm biex isiru attivitajiet u jekk l-affarijiet jippermettu hemm il-ħsieb illi jsiru 2 attivitajiet. Waħda fuq barra u waħda fuq ġewwa.

22.7.18 Il-kunsillier A.Debono qal illi lesta l-lista tal-istreet names u issa konklux kemm hemm neqsin. Street Naming Committee qal li m'hemmx għalfejn isir waħda ma kull kantuniera izda l-Kunsill approva li dawn isiru ma kull waħda peress illi ħafna drabi persuni, speċjalment barranin, ma jkollomx idea fejn qegħdin u jintilfu.

22.7.19 Il-kunsillier A.Debono qal illi għad hemm ħafna ilmenti fuq l-għeluq tat-toroq kawzat mit-trasport tat-tfal tal-iskola.

**Il-kunsilliera P.Radmilli u E.Borg daħlu lura għall-ħabta ta' 8.52pm.**

22.7.20 Il-kunsillier E.Borg qal illi nhar it-Tlieta li ġej se titlesta l-proġett tal-Cats Cafe f'Ġnien Independenza.

22.7.21 Il-kunsillier J.Pillow qal illi meta tagħmel ix-xita hemm problema ġewwa Manoel Dimech peress illi naqqsu milli jagħmlu culvert taħt il-bankina. Ittra se tintbagħat lil IM.

22.7.22 Il-kunsillier J.Pillow talab illi tintbagħat reminder lil EneMalta fuq il-lampi li huma spiċċuti ma' Tower road u l-iStrand u biex dawn isiru LED.

22.7.23 Il-kunsillier J.Pillow qal illi fil-passat kienet saret studju fuq lampi bi stil antik u staqsa dwar il-possibilita li dawn isiru ġewwa ċerti toroq.
Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi dawn kienu jiswew prezz fenominali.
Is-Sindku ssuġerixxa li jsiru fi sqaqien biex ma jintefqux wisq flus fuqhom. Kien hemm qbil mall-idea.

**Il-kunsillier E.Borg telaq fid-9pm.**
**Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat u staqsa jekk il-kunsill lest ikompli bl-Aġenda. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa titkompla.**

22.7.24 Il-kunsillier J.Pillow issuġerixxa li niddentifikaw area ġewwa ġnien Bonello DePuis għal klieb. Is-Sindku qal illi hu l-ewwel wieħed li ma jaqbilx peress illi m'hemmx spazju bizzejjed biex tittieħed għal ħaġa bħal din fit-triq.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm area bejn Exiles u Surfside fejn ħaġa bħal din tista ssir. Din kienet is-suġġeriment preferuta mill-Kunsill.

22.7.25 Il-kunsillier J.Pillow ta update dwar ix-xogħolijiet illi qegħdin isiru fuq il-bandli ta' ġnien Bonello De Puis. Qal illi n-nies faħħru l-proġett u tibqa problema zgħira mall-enclosure tal-iswings izda għadna nirċievu assistenza. Zied ukoll illi nhar it-Tnejn se jsiru xogħolijiet minn naħa tal-ELC biex l-area tiġi nadifa.
Il-kunsill irringrazzja lill-kunsillier J.Pillow għax-xogħol tiegħu.

22.7.26 Il-kunsillier J.Pillow issuġerixxa li naraw mall-privat kif għandna nirranġaw il-problema tad-dawl tal-ġnien.

22.7.27 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-prezent, il-Kunsill jista jagħmel payments ta' Gross ta' €25,000 fejn l-ispejjez wara kull laqgħa tal-Kunsill taf taqbez l-ammont. Saret resoluzzjoni sabiex din l-ammont titla sa' €70,000. Il-Kunsill qabel unaniment.

22.7.28 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi waqt il-laqgħa prezenti, kienet qed tintuza magna biex tixxandar live u talli magna tintuza għall-conference calls fejn wieħed jista faċilment izomm id-distanza u jkun hemm sound tajjeb. Kien hemm approvazzjoni biex il-Kunsill jixtri xi ħaġa simili.

Il-Viċi Sindku qalet illi hemm numru ta' kiosks li qegħdin jagħdu cables tal-elettriku mingħajr permess. Is-Sindku qal illi hemm rapport ta' persuna li weġġħet minħabba waħda minn dawn il-cables. Qal ukoll illi EneMalta qegħdin jgħidu li issa m'hemmx bzonn No Objection tal-Kunsill sabiex dawn isiru izda m'għandniex inħalluhom isiur mingħajr ma nieħdu azzjoni.

**22.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI**

22.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli ressaq ir-rapport tal-kumitat tal-fondi fejn kulħadd ingħata kopja tar-rapport.
Il-kunsill qabel mar-rakomandazzjoni tal-kumitat.
Il-kunsill irringrazzja lis-sur P.Radmilli għax-xogħol tiegħu.

**22.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

22.9.1 Il-pagament dovut lil Go mhix se ssir għall conneciton ta' Bisazza la s'issa għad m'hemmx servizz. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ili skond il-Go hemm connection.
Fuq dan il-punt il-kunsillier J.Pillow talab laqgħa mall-Go peress illi qed isir ħafna ilmenti fuq ix-xogħolijiet illi isiru mis-sub-contractors tagħhom.

22.9.2 Il-kunsillier A.Debono ppropona li l-pagamenti jiġu approvati. Il-kunsillier D.Muscat issekondaħ

**22.10 MOZZJONIJIET**

22.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**22.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

22.11.1 Is-seduta ntemmet fl-10pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru.

Minuti approvati llum nhar l-Erbgħa 9 ta'Diċembru 2020

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**